**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 08 ta' Awwissu, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Amar Yasr Zeidan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Amar Yasr Zeidan**, iben Yasr u Maha, imwieled gewwa is-Siria nhar it-3 ta' Jannar, 2003, minghajr indirizz fiss gewwa Malta.

Akkuzat talli fit- 08 ta' Awwissu, 2021 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Kellu f'idejh passaport, mahrug minn awtorita' kompetenti jew li iittrasferixxa dan il-passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie ittraferit lilu minn persuna ohra;

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta li jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga' imsemmi; u

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Illi waqt is-sottomissjonijiet tad-difiza gie allegat li l-imputat twieled hawn Malta u missieru ghandu propjeta f'Malta; id-difiza allegat ukoll li l-genituri ta'l-imputat kienu telqu mis-Sirja u gew Malta, wara li twieled l-imputat telqu lura lejn is-Sirja flimkien ma binhom. Ghal din l-allegazzjoni l-prosekuzzjoni irrispondiet billi qalet li min-naha taghhom il-pulizija ghamlu ricerki u fil-perjodu ta' zmien indikat lilhom mill-imputat u ma sabu l-ebda record tat-twelid f'Malta ta' l-imputat.

Illi ghandu jigi rilevat li s-sottomissjonijiet finali kienu intizi biex a bazi tal-provi processwali l-partijiet jaghtu l-fehma taghhom dwar il-piena li ghandha tigi erogata[1]. Allegazzjonijiet li jmorru 'l hemm mill-provi processwali, maghmula waqt is-sottomissjonijiet, jibqghu allegazzjonijiet u, fin-nuqqas ta' prova sufficjenti taghhom, il-Qorti ghandha tiskartahom. L-imputat ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li ma jressaq l-ebda prova b'mod li l-Qorti kellha necessarjament tistrih biss fuq dak li jirrizulta mill-atti. Ghal kull bon fini u ghall-kompletezza jigi rilevat li fi kwalunkwe kaz l-allegazzjoni maghmula mid-difiza ma tantx ghandha mill-verosimili, pero anke kieku l-fatti allegati gew pruvati ma jnaqqsu xejn mill-gravita tar-reati li l-imputat ikommetta.

[1] Fil-kaz odjern l-imputat kien diga ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u accetata din l-ammissjoni, l-unika decizjoni li kellha tittiehed hija x'piena ghandha tigi erogata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Amar Yasr Zeidan** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**